MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

## ONOR. IMHALLEF

## GIANNINO CARUANA DEMAJO

## ONOR. IMHALLEF

## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2015

Appell Civili Numru. 836/2001/1

**Joseph Zammit**

**v.**

**Joseph Bonello u Ronald Bonello u**
**b'digriet tas-6 ta' Mejju 2002 gie kjamat fil-kawza**
**Paul Mallia u b'digriet tal-21 ta' Gunju, 2002**
**giet kjamata in kawza is-socjeta`**
**Citadel Insurance plc**

**Preliminari**

1. Dan hu appell maghmul mill-attur minn sentenza moghtija fl-1 ta' Marzu 2011 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili li permezz taghha dik il-Qorti cahdet it-talbiet tal-attur wara li ma sabitx lill-konvenuti Joseph Bonello u lil missieru Ronald Bonello responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fis-26 ta' Dicembru 2000 fi Triq l-Imgieret, Luqa, u li fih safa' korrut l-istess attur.

**Il-Fatti**

2. Fid-data u fil-post fuq indikat, ghall-habta tas-6.30 pm meta il-konvenut Joseph Bonello kien qed isuq il-vettura tal-marka Hyundai proprjeta` ta' missieru Ronald Bonello, u kien tiela lejn Hal-Luqa, huwa safa' involut f'incident awtomobilistiku mal-vettura Seat misjuqa mill-konvenut Paul Mallia[1] u li fiha fuq in-naha tal-passiggier ta' quddiem kien hemm riekeb l-attur. Din il-vettura kienet qed tinsaq, fl-istess triq, fid-direzzjoni opposta niezla lejn il-Marsa.

3. Jirrizulta li hekk kif Joseph Bonello kien tiela' lejn Hal-Luqa huwa laqat liwja li hemm f'dik il-parti tat-triq, bir-rizultat li din il-karrozza daret u b'hekk saret il-kollizjoni mal-vettura misjuqa minn Paul Mallia fid-direzzjoni opposta fuq in-naha l-ohra tat-triq.

[1] Dan il-konvenut kien gie liberat mill-osservazzjoni tal-gudizzju b'sentenza parzjali moghtija fit-30 ta' Jannar 2006, stante kompiment tal-preskrizzjoni bijennali kontemplata fl-artikolu 2154.

4. Iz-zewg vetturi spiccaw fil-pozizzjoni li tidher fuq l-iskizz tal-pulizija, liema skizz ma giex kontestat mill-partijiet, u cioe` l-vettura misjuqa minn Joseph Bonello spiccat thares fl-istess direzzjoni tal-vettura misjuqa minn Paul Mallia. Inoltre, l-iskizz juri l-pozizzjoni tal-hsarat fil-karrozzi involuti, kif ukoll il-brix li hemm mal-liwja li hemm f'dik il-parti tat-triq li taghti ghad-direzzjoni ta' Hal-Luqa. Iz-zewg vetturi sofrew hsarat estensivi. Bl-impatt, l-imsemmi Paul Mallia tar minn gol *windscreen* u spicca barra mill-karrozza li kien qed isuq. L-attur min-naha tieghu sofra griehi gravi.

5. It-tezi tal-attur hija fis-sens li meta l-konvenut Joseph Bonello, li kien qed isuq bi speed qawwi, laqat il-bankina bin-naha ta' wara tal-Hyundai, din spiccat fuq in-naha l-ohra tat-triq minn fejn kienet qed tinsaq il-vettura Seat fid-direzzjoni opposta u laqtet lil din il-vettura. Min-naha tieghu l-konvenut Joseph Bonello jsostni li kien is-sewwieq tal-vettura Seat li kien qed isuq fuq in-naha l-hazina tat-triq, b'velocita` qawwija, u bil-*bright lights* mixghulin, li geghluh jigbed ghal fuq in-naha tax-xellug tieghu bir-rizultat li laqat il-bankina, izda fl-ebda hin il-vettura Hyundai ma kienet fuq in-naha hazina tat-triq. Kienet il-vettura Seat li, peress li kienet qed tinsaq fuq in-naha l-hazina tat-triq dahlet fih b'impatt qawwi.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

6. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

> "Illi l-kawza odjerna tittratta incident awtomobilistiku illi sehh fis-26 ta' Dicembru tas-sena 2000 fit-Triq l-Imgiered, Hal-Luqa bejn Joseph Bonello li kien qieghed isuq il-vettura numru EAF 068 u Paul Mallia li kien qieghed isuq il-vettura numru IAA 913.
>
> "Illi una volta kif intqal aktar 'il fuq f'dan il-gudikat il-kjamat fil-kawza Paul Mallia gie liberat mill-osservanza tal-gudizzju, jonqos ghalhekk illi l-Qorti tezamina it-talbiet attrici fir-rigward tal-konvenuti Joseph Bonello u Ronald Bonello u fir-rigward tas-socjeta' kjamata in kawza Citadel Insurance plc.
>
> ………. Ommissis ……….
>
> "Illi l-Qorti tibda biex tgħid li fejn jidħol korriment (jew mewt), il- prova tar-responsabbilta' ta' dik il-grajja xorta waħda taqa' fuq min ikun indarab (jew dawk li jigu minnu). Il-fatt waħdu li persuna tkorri (jew tmut) ma tfissirx awtomatikament il-ħelsien għal kollox tal-parti midruba.
>
> "Il-parti l-midruba jenhtiegilha li tipprova l-allegazzjoni tagħha. Dan hu skond ir-regola ewlenija tad-dritt procedurali li min jallega jrid jipprova bl-aħjar mod li titlob il-ligi (Vide sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-9 ta' Jannar 2009 fil-kawża fl-ismijiet Peter Ronald vs Polibon Construction Ltd.)
>
> "Tal-anqas, il-parti attrici tkun trid turi tajjeb biżżejjed li seħħ dak l-incident u li min-naħa tagħha (jew l-awtur tagħha) jkun sar dak kollu li juri li dak li gara ma jkunx ingab b'idejn dak li jkun;
>
> "Jigi rilevat illi lanqas il-Qorti kriminali ma kienet kapaci tattribwixxi htija lill-konvenut fir-rigward tal-akkuzi migjuba kontrih u dan minhabba konflitt fl-evidenza u anki f'dawn il-proceduri – ma jistax jigi tenut illi l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku li gara fis-26 ta' Dicembru 2000.
>
> "Illi la t-traskuragni, l-imprudenza jew nuqqas ta' osservanza ta regoli tat-traffiku ma giet ppruvata fil-kaz de quo
>
> "Hu dejjem necessarju f' kazijiet bhal dawn illi wiehed jindaga r-rapport ta' kawzali bejn il-kondotta u l-event dannuz biex jigi stabbilit illi l-kawza prossima ta' l-incident kienet il-manuvra inkonsulta u inaspettata tal-konvenut;
>
> "Ciononostante, din il-kostatazzjoni ma ghandhiex per se tfisser illi hi eskluza kwalsiasi ricerka ohra. Dan l-aktar biex jigi determinat jekk kienx hemm ukoll il-konkors ta' xi kolpa da parte tad-danneggjat jew tal-vittma.
>
> "L-aspett generiku tal-"htija" dezinjat fid-disposizzjonijiet relattivi tal-Kodici Civili certament jakkordaw riflessjoni fuq din il-materja fl-elementi kollha taghha; kompriz allura l-kwistjoni tal-kontributorjeta`;

"In subjecta materia il-principju konformement akkolt mill- Qrati taghna hu fis-sens illi "l-kwistjoni jekk kienx hemm contributory negligence miz-zewg nahiet ma tistax tigi deciza fuq supposti principji aprijoristici jew regoli legali fissi, izda skond principji tas-sens komun" – "Cristino Zahra –vs- Raymond G. Ashley", Appell Civili, 24 ta' Gunju 1960;

"Premess dan li ntqal, huwa indubitat illi d-danni akwiljani jikkostitwixxu lezjoni ta' qaghda guridika soggettiva li l- Kodici Civili taghna, bhal kodicijiet ta' pajjizi ohra, jirrikonoxxi bhala meritevoli ta' tutela;

"Ghal dik li hi hsara fuq il-persuna d-determinazzjoni tal-kwantum tar-rizarciment hi ispirata mill-Artikolu 1045 tal- Kodici Civili fejn nsibu konfigurat il-pregudizzju rizarcibbli f' termini ta' damnum emergens u lucrum cessans. Din il-forma duplici tad-danni nirriskontrawha wkoll fl-Artikolu 1046 sussegwenti li jitratta mis-sitwazzjoni avvenuta f' kaz ta' mewt.

"Illi ghal dak illi jirrigwarda traskuragni, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku, il-Qorti rat sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Keith Camilleri deciza fit-13 ta' Ottubru 2010.

Issa, kif gie ritenut minn din il-Qorti ripetutament u kif intqal fl-Appell Kriminali Il-Pulizija vs Alfred Mifsud deciz fis-6 ta' Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157), din il-Qorti diversament presjeduta qalet:

> "Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il- ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non- osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita` ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt fis-subartikolu (2) ta' 1-imsemmi artikolu 15 bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi il-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita` ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta` taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi il-hin u l- lokalita` ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema kaz japplikaw iddisposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati.[2]

"U kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Mario Gellel deciza fid-19 ta' Frar 2004:

[2] Ghall-finijiet ta' piena l-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluz (ara **The Police v. Charlotte Chamberlain**, Appell Kriminali, 21/5/96)".

> “...kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta’ ‘degree’ (Appell Kriminali Pulizja vs Charles Bartolo, 14.3.59, Pulizija vs Wilson [Vol. XXXIX iv. 1018] u Pulizja vs Alfred Vella [Vol. XLIV, p. 933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas- serjeta` taghhom (Appell Kriminali Pulizija vs Hardingham, 19.10.1963). Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r- reat ta’ sewqan perikoluz, hemm bzonn ta’ certu grad ta’ ‘recklessness’ (Appell Kriminali Pulizija vs Charles Farrugia [Vol. XXXIX iv.9 78]).
>
> ‘Recklessness’ giet definite bhala ‘wilfully shutting one’s eye’ (Appell Kriminali Pulizja vs Joseph Aquilina, 20 ta’ April 1963).
>
> Invece, sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta’ prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (Appell Krimininali Pulizija vs Antonio Spiteri [Vol. XLIV iv. 892])”.

“Illi, fir-rigward ta’ ‘proper look out’, dan il-kuncett iffiser ferm aktar milli sewwieq ikun qed ihares il quddiem jew li jkollu vizwali cara, izda s-sewwieq irid ikollu “an awareness of his immediate vicinity” u cioe` li s-sewwieq irid ikun jaf x’qed jigri madwaru u mhux semplicement ihares ’il quddiem b’mod cass jew isuq bil-mod (Ara wkoll P. Spiteri v. R.Caruana App 5/10/98; Maria Vella Galea v. Oreste Sammut App 5/10/98; Dr. Remigio Zammit Pace v. C.Grima App Inf. 16/5/97; A Gatt v. M.Shephard App Inf 7/5/98). Ghalhekk kull sewwieq irid jirregola s-sewqan tieghu skond il-kondizzjonijiet u cirkostanzi li jkun fihom, bhal ma huma l-hin tal-gurnata, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, l-istat tal-art, il-volum tat-traffiku u rapporti ohra kontingenti (Ara Vol XLVI pI p112). Fin-nuqqas, ikollu jwiegeb ghall-imprudenza tieghu meta jsehh incident stradali.

“Ikkunsidrat :

“Illi fil-kaz odjern ma nistghu qatt nghidu li gie ppruvat li l-konvenut kien unikament resopnsabbli ghal-incident tat-traffiku li gara fis-26 ta’ Dicembru 2000 fi Triq l-Ingiered Luqa u ghad-danni konsegwenzjali li garrab l-attur bhala rizultat ta’ dan l-incident – billi dan ma giex pruvat quddiem din il-Qorti u ghalhekk din il-qorti ma tistax tilqa l-ewwel talba tal-attur, u konsegwentement lanqas it-talbiet l-ohra sabiex tillikwida d-danni, billi ma giex stabilit r-rapport ta’ kawzali bejn il-kondotta u l-event dannuz, u ghalhekk ma jistax jigi pruvat li l-kawza prossima ta’ l-incident kienet frott tal-manuvra inkonsulta u inaspettata tal-konvenut;

“Illi una volta illi l-Qorti ma tistax tistabilixxi il-htija fil-konvenut Joseph Bonello, konsegwentement lanqas ma tista issib htija fil-konvenut Ronald Bonello, jew fis-socjeta kjamata in kawza Citadel Insurance plc.”

**L-Appell**

7. Fis-sustanza l-aggravju huwa fis-sens li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi, u li fl-atti jirrizultaw provi bizzejjed li kellhom

iwasslu lill-ewwel Qorti ghall-konkluzjoni li r-responsabbilita` tal-incident tirrisjedi fuq il-konvenut Joseph Bonello.

8. Ghalhekk, u ghar-ragunijiet l-ohra minnu indikati fir-rikors tal-appell tieghu, l-attur qed jitlob li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata, u, minflok, issib lill-konvenuti responsabbli ghall-incident, u tirrimanda l-atti lura lill-ewwel Qorti sabiex din tiddeciedi fuq il-kumplament tat-talbiet tal-attur, inkluza dik dwar ir-responsabbilita` tal-konvenut Ronald Bonello, proprjetarju tal-vettura, fil-kuntest tad-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 104; bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess konvenut.

9. Il-konvenuti Joseph u Ronald Bonello, jissenjalaw certu konsiderazzjonijiet li fil-fehma taghhom isostnu l-konkluzjoni li dawn ma kienux responsabbli ghall-incident.

**L-Aggravju**

10. Fl-ewwel parti tal-aggravju l-attur jghid li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta ghamlet referenza ghas-sentenza moghtija fid-9 ta’ Lulju 2007 mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali li permezz taghha Joseph Bonello gie liberat mill-akkuzi maghmula kontra tieghu bazati fuq l-incident *de quo*. Huwa jilmenta mill-osservazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti f’dawn it-termini:

> “Jigi rilevat li lanqas il-Qorti Kriminali ma kienet kapaci tattribwixxi htija lill-konvenut fir-rigward tal-akkuzi mgjuba kontrih u dan minhabba konflitt fl-

> evidenza u anke f'dawn il-proceduri – ma jistax jigi tenut illi l-konvenut huwa unikament *[sic]* responsabbli ghall-incident..”

11. L-attur isostni li l-ewwel Qorti *“riedet xi forma ta' konfort talli ma rnexxilhiex tasal dwar konkluzjoni ta' htija”.* Jghid li dan hu zbaljat ghax il-grad ta' prova rikjest fil-kamp kriminali huwa oghla minn dak rikjest fil-kamp Civili. Ghalhekk il-fatt li Joseph Bonello gie liberat mill-akkuza kriminali ma jfissirx li allura ma tistax tezisti r-responsabbilita` civili da parti tieghu ghall-akkadut.

12. Din il-Qorti taqbel mal-osservazzjonijiet maghmula mill-attur dwar id-differenza fil-grad ta' prova bejn il-proceduri kriminali u dawk civili kif ukoll mal-fatt konsegwenzjali li liberatorja fil-proceduri kriminali ma tfissirx necessarjament nuqqas ta' responsabbilita` civili. Izda, hi tal-fehma li f'dik il-parti tas-sentenza jidher li l-ewwel Qorti riedet tfisser li anke fil-kawza odjerna l-konflitt fil-provi wassal sabiex il-konvenut jigi ezentat mir-responsabbilita` civili.

13. Dak pero` li din il-Qorti ma taqbilx mieghu huwa n-nuqqas fis-sentenza appellata ta' analizi tal-provi li wassluha sabiex tezimi lill-konvenut Joseph Bonello mir-responsabbilita` civili. Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti ghamlet sommarju tad-depozizzjonijiet tax-xhieda, kif ukoll rassenja tal-kazistika relevanti, u waslet ghall-konkluzjoni li *“ma giex stabbilit rapport kawzali bejn il-kondotta u l-event dannuz, u ghalhekk ma jistax jigi pruvat li l-kawza prossima tal-incident kienet frott tal-manuvra inkonsulta u inaspettata tal-konvenut”.*

Izda fis-sentenza appellata ma gietx indikata l-analizi tal-provi maghmula minnha biex waslet ghal dik il-konkluzjoni. Dan in-nuqqas ghandu relevanza ghall-fini ta’ dawn il-proceduri, in vista tal-gurisprudenza kostanti fis-sens li din il-Qorti bhala qorti ta’ revizjoni, fl-ezami taghha tal-provi akkwiziti, ma tiddisturbax l-apprezzament tal-fatti maghmula mill-ewwel Qorti jekk mhux ghal ragunijiet serji jew f’kaz ta’ zball manifest li jista’ jwassal sabiex parti jew ohra ssofri ingustizzja.

14. Qabel ma din il-Qorti tghaddi ghall-konsiderazzjonijet taghha dwar il-fatti kif johorgu mill-provi akkwiziti huwa opportun li jigu senjalati s-segwenti principji relevanti ghall-vertenza li ghandha quddiemha. Jinsab ritenut fil-gurisprudenza patria:

15. Il-grad ta’ prova rikjest fil-kamp civili, b’differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju ragjonevoli, hija dik li jkun hemm certezza morali f’mohh il-gudikant. Din c-certezza morali rikjesta f’kawzi civili hija l-effett tal-bilanc ta’ probabilitajiet. Mera possibbilita` mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilita’ civili. [**PA Frank Giordmania Medici et v. William Rizzo u Gaetana Rizzo**, deciz 28 ta' April, 2004].

16. Il-konflitt fil-provi hija haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibbilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u

verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabbilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant [**PA Farrugia v. Farrugia**, deciza 24 ta' Novembru, 1966]

17. Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabbilitajiet, sottostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabbilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli [**PA George Bugeja v. Joseph Meilak**, deciza 30 ta' Ottubru, 2003]. Inoltre, huwa ritenut fil-gurisprudenza taghna illi l-verosomiljanza hija forma ta' korroborazzjoni [**PA. Emmanuel Aquilina v. Lorraine Farrugia,** deciza 28 ta' Gunju, 2001)]

18. B'applikazzjoni tal-premess ghall-kaz odjern, din il-Qorti tosserva li dak li ghandu jsir huwa ezami tal-provi akkwiziti bil-ghan li, minkejja konflitt fil-provi, jigi determinat jekk abbazi tal-verosimiljanza u fuq bilanc ta' probbabilitajiet, ghandhiex tigi accettata bhala veritiera verzjoni ta' parti jew

ohra, jew inkella ghandhiex tqis li l-konflitt fil-provi huwa tali li ma jistax iwassal ghall-akkoljiment tat-talbiet tal-attur.

19. Minn ezami rett tal-provi jirrizulta li f'dan il-kaz kien hemm nuqqas serju ta' diligenza fis-sewqan da parti tal-konvenut Joseph Bonello meta dan kien qed isuq il-vettura Hyundai. Jirrizulta mill-provi li dan ma kellux il-kontroll shih tal-vettura li kien qed isuq, tant li meta skont hu ma setax jara minhabba d-dawl qawwi gej mill-vettura Seat min-naha opposta, huwa, minflok waqaf, dahal fuq il-bankina li kien hemm fuq in-naha tax-xellug tieghu, u bl-impatt mal-bankina l-karrozza spiccat fuq in-naha l-ohra tat-triq u laqtet b'sahha l-vettura Seat misjuqa mill-konvenut Paul Mallia. Din il-konkluzjoni hija bazata fuq is-segwenti konsiderazzjonijiet.

20. Fl-affidavit tieghu Joseph Bonello jiddeskrivi hekk id-dinamika tal-incident:

> "Nghid illi kif rajtu gej, mill-ewwel bzajt minnu, ghax kien gej isuq hafna u f'nofs it-triq. Jiena ersaqt kemm stajt lejn in-naha tieghi, u cioe` lejn ix-xellug, u aktar ma beda jersaq anqas bdejt nara, minhabba l-bright tieghu. F'hin minnhom it-triq ta' quddiemi djeqet billi kien hemm kantuniera tohrog 'il barra, imma jiena ma rajtx din il-kantunikera minhabba li kelli d-dawl f'ghajnejja. Ghalhekk, jiena l-qatt din il-kantuniera u peress li kienet fit-tond tkaxkart maghha u kwazi waqaft. Minhabba f'hekk hrigt ftit 'il barra, imma xorta nghid li bqajt fuq in-naha tieghi tat-triq; dak il-hin il-vettura l-ohra dahlet fiha ghaliex kienet ghaddejja f'nofs ta' triq. Jiena kont kwazi wieqaf, imma bid-daqqa li tani l-karrozza tieghi daret thares 'l isfel."[3]

[3] Affidavit Pga. 168.

21. Ghalkemm din il-verzjoni giet konfermata miz-zewg passiggieri li dan il-konvenut kellu mieghu fil-vettura, il-provi juru li din il-verzjoni hija inveritiera u ma tikkorrispondix ma' dak li fil-fatt sehh.

22. Fl-ewwel lok, jigi osservat li meta Joseph Bonello ghamel dan l-affidavit nesa' dak li kien qal lis-surgent John Tabone *a tempo vergine*. Skont ir-rapport tal-incident, maghmul minn dan is-surgent li kien mar fuq il-post u kellem lill-persuni involuti fl-incident, inkluz lil Joseph Bonello, dan fuq il-post tal-incident qallu li hu kien tiela' minn Triq L-Imgieret sejjer fid-direzzjoni ta' Hal Luqa, *"u f'daqqa wahda gie dawl f'wiccu u huwa dawwar ftit lejn in-naha tax-xellug u habat mal-hajt. <u>Bid-daqqa il-vettura tieghu [ta' dan il-konvenut] daret fuq in-naha l-ohra tat-triq</u> u accidentalment <u>dahal</u> fil-vettura [l-ohra] li kienet niezla 'l isfel."*[4] Fid-depozizzjoni tieghu l-istess surgent ikkonferma dak li kien qallu Joseph Bonello. Is-surgent jghid li dan qallu:

> "jien kont tiela' lejn id-direzzjoni ta' Hal-Luqa, ... rajt dawl f'wicci u jiena ghafast ftit lejn in-naha tax-xellug tieghi biex [sic], u hbatt mal-hajt u <u>bid-daqqa l-karrozza tieghi daret u dhalt</u> fil-vettura numru IAA 913 li kienet gejja kontra tieghi."[5]

23. Ghalhekk skont il-verzjoni moghtija minn Joseph Bonello fuq il-post tal-incident u ftit tal-hin wara, dan ammetta li kien hu li dahal fuq il-vettura Seat u mhux li hu intlaqat mill-vettura Seat kif jghid fl-affidavit tieghu.

[4] Fol. 62.
[5] Foll. 69-70.

24. Min-naha tieghu, Paul Mallia, is-sewwieq tas-Seat, kien konsistenti f'dak li qal kemm fl-affidavit tieghu u dak li kien qal lis-surgent *a tempo vergine*. Fl-affidavit tieghu jghid:

> "Rajt il-vettura Hyndai .... gejja b'velocita` eccessiva min-naha tal-lemin. Din il-vettura habtet b'impatt kbir mal-hajt tan-naha taghha u konsegwentement habtet maghna man-naha ta' quddiem. Jiena, malli rajt il-vettura gejja lejna, ibbrejkajt minnujfih u ersaqt mal-genb. Iz-zewg vetturi waqqfu. Jiena bis-sahha u bl-impatt tad-daqqa, litteralment hrigt minn gol windscreen....."[6]

25. Din il-verzjoni hija konsistenti ma' dak li l-istess Paul Mallia qal lis-surgent fuq il-post tal-incident. Ir-rapport tas-surgent fil-konfront tieghu jghid hekk:

> "Paul Mallia kien niezel mit-Triq l-Imgieret .... u f'daqqa wahda ra il-vettura [Hyundai] tahbat mal-hajt u bid-daqqa din il-vettura giet in-naha tieghu [Paul Mallia] u dahlet fih[7]. Bid-daqqa li hu ha spicca wkoll habat ma' hajt li hemm fuq in-naha tax-xellug tieghu."[8]
>
> Fix-xhieda tieghu s-surgent ikkonferma din il-verzjoni moghtija lilu minn Paul Mallia fuq il-post tal-incident.[9]

26. Ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel Qorti kellha tasal ghall-konkluzjoni li kien il-konvenut Joseph Bonello li spicca bil-karrozza Hyundai fuq in-naha l-hazina tat-triq, u li laqtet il-karrozza Seat misjuqa minn Paul Mallia.

27. Rigward it-tezi tal-konvenut Joseph Bonello li Paul Mallia kien qed isuq il-vettura Seat f'nofs tat-triq, din il-Qorti tosserva li, ghajr ghax-xhieda tal-istess

---
[6] Fol. 40.
[7] Sottolinear tal-Qorti.
[8] Fol. 62.
[9] Fol. 70.

Bonello u ta' shabu li kienu fil-karroza mieghu, din il-verzjoni m'hijiex sodisfacentement sostnuta mill-provi, anzi il-provi juru proprju l-kuntrarju. Dan qed jinghad ghax, apparti mill-fatt li t-tezi ta' Paul Mallia hija korroborata mill-attur li kien riekeb mieghu fuq in-naha ta' quddiem, u apparti minn dak li Joseph Bonello kien qal lis-surgent *a tempo vergine* li kienet il-vettura tieghu li "*daret fuq in-naha l-ohra tat-triq*"[10] l-iskizz tal-incident redatt mis-surgent jaghti konfort qawwi lit-tezi ta' Paul Mallia, u cioe` li hu kien ghaddej fuq in-naha tieghu tat-triq u li kienet il-Hyundai li dahlet go fih. Dan jkompli jsib sostenn fir-ritratti[11] ezebiti mill-attur mal-affidavit tieghu, fejn tidher id-daqqa qawwija li garrbet il-vettura Seat fuq il-*mudguard* ta' quddiem tan-naha tas-sewwieq.

28. Din il-Qorti tosserva li, minkejja li l-*finishing position* li tidher fuq l-iskizz m'huwiex il-post fejn sehh l-impatt, stante li l-vettura Seat kompliet titkaxkar mal-hajt tax-xellug sakemm waqfet, izda l-iskizz ghandu valur probatorju qawwi tenut kont li ma giex kontestat u tenut kont ukoll tal-fatt li hadd mill-partijiet ma qajjem xi dubju dwar l-integrita` tas-surgent. Fil-kaz odjern huwa minnu li fl-iskizz mhux indikat li hu *to scale,* izda mill-banda l-ohra juri l-pozizzjoni ta' kif spiccaw il-vetturi wara l-incident, fi triq wiesa u li hija meqjusa bhala triq principali.

29. Ghal kaz odjern jghodd dak li gie osservat fil-kaz **PA Carmelo Scerri v. Esther Darmanin**, deciz 20 ta' Ottubru 2003:

---

[10] Supra.
[11] Fol. 33.

> “[Is-surgent] huwa recorder tar-res gestae u hu fid-dover qabel xejn, bhala parti mill-investigazzjoni tieghu li jigbor il-fatti relevanti kif irrizultawlu materjalment u jirresgistrahom fl-iskizz tal-okkorrenza. Allura meta l-iskizz ikun maghmul b’mod professjonali .... u ma jkunx hemm kontestazzjonijiet dwaru mill-partijiet fil-kawza, dan l-iskizz ghandu jittiehed li jaghmel prova ta’ dak li juri” [ara wkoll App.**C Carmel Camilleri v. Leone Pillow**, deciz 7 ta’ ottubru 1997; PA **Joseph Perici Calascione v. Sergio Farrugia**, deciz 3 ta’ Lulju 2003]

30. Fil-kaz odjern l-iskizz juri l-vettura Seat fuq in-naha taghha tat-triq filwaqt li l-Hyundai tidher skuntrata b’mod li parti minnha qeghdha fuq in-naha l-hazina tat-triq, u dan jaghti konfort lill-verzjoni moghtija mill-konvenut Paul Mallia, u jimmilita kontra l-verzjoni tal-konvenut Joseph Bonello.

31. Rigward il-velocita` li biha kienu qed jinsaqu l-vetturi, din il-Qorti tosserva in tema legali li l-velocita` wahedha ma twasslax necessarjament ghar-responsabbilita` tal-akkadut, ghax kif qalet din il-Qorti fil-kawza **App.C Carmelo Micallef v. Richard Spiteri**, deciza fil-15 ta’ Jannar 2002, mhux kull infrazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku jew agir skorrett jew delittwuz minn parti involuta f’incident hija necessarjament rilevanti ghad-determinazzjoni tar-responsabbilita`. Il-Qorti trid tindaga biex tidentifika l-kawza prossima immedjata tal-incident, u jekk il-persuni involuti bil-komportament taghhom kienux direttament pprovokaw l-incident jew ikkontribwew ghalih.

32. Fil-meritu l-Qorti tosserva li anke jekk jigi koncess li s-Seat kienet qed tinsaq b’velocita` li tissupera dik regolamentari f’post mhux abitat u fi triq principali, il-provi juru li l-incident ma nholoqx tort ta’ Paul Mallia li kien qed isuq fuq in-naha tieghu tat-triq, izda inholoq minhabba l-fatt provat li Joseph

Bonello, bil-velocita` li kien qed isuq il-vettura tieghu, ma kienx fil-kontroll tal-vettura. Tant hu hekk, li anke jekk jigi koncess li huwa minnu li l-vizwali tieghu kienet giet momentarjament ostakolata mid-dawl tal-vettura l-ohra, dana ma kienx fil-pozizzjoni li jieqaf, izda gibed ghal fuq ix-xellug tieghu fejn laqat il-bankina, u <u>bl-impatt tal-vettura misjuqa minnu mal-bankina</u>, il-Hyundai, mhux waqfet, izda daret u spiccat tolqot il-vettura l-ohra misjuqa minn Paul Mallia fuq in-naha tieghu tat-triq. Ghalhekk il-kawza prossima u immedjata tal-incident ma kinitx il-velocita` li kien ghaddeja biha Paul Mallia, izda l-velocita` li kien ghaddej biha Joseph Bonello.

33. Hija f'lokha l-osservazzjoni li "min ikun qed isuq, ghalkemm ma jaghmilx dawk il-kalkoli matematici li huma mehtiega biex fil-qorti jigi apprezzat u gudikat il-kaz, ghandu pero` jkun jaf u jirrealizza li fis-sewqan awtomobilistiku d-distanzi u l-kollizzjonijiet huma kwistjoni ta 'sekondi, u ghalhekk is-sewwieq ghandu jirregola l-ghemil tieghu fis-sewqan konformament." [App.Krim. **Il-Pulizija v. Joseph Muscat** 7 ta' Ottubru 1952].

34. Il-konvenuti jsostnu li l-incident sehh minhabba li Paul Mallia kien qed isuq b'velocita` kbira tant li –

> "il-vettura misjuqa minn Joseph Bonello mal-habta daret 180 grad li giet thares 'l isfel, mentri l-vettura ta' Paul Mallia baqghet niezla 'l isfel sakemm habtet mal-hajt tas-sejjieh. .... Kieku dan kien veru [li Paul Mallia kien ghaddej b'velocita` ta' 25 mil fis-siegha u kif ra l-vettura l-ohra ibbrejka minnufih] kien ikun kwazi wieqaf fil-mument tal-habta – u kieku kien hekk, kif jista' jkun li mad-daqqa huwa hareg minn gol windscreen ? Huwa seta' jtir minn gol-windscreen biss bil-momentum tieghu nnifsu, liema momentum seta' biss jinholoq bil-fatt illi huwa kien ghaddej b'velocita` qawwija."

35. Din is-sottomissjoni ma ddghajjifx il-konkluzjoni li kien il-konvenut Joseph Bonello li bin-nuqqas ta' diligenza jew hila fis-sewqan kien il-kawza prossima u immedjata tal-incident. Anke *dato non concesso* li Paul Mallia kien qed isuq bi speed eccessiv, il-fatt jibqa' li dan kien qed isuq fuq in-naha tieghu ta' triq li hija wiesa' u ma kellux jistenna li vettura gejja mid-direzzjoni opposta tieghu tolqot il-bankina fuq in-naha taghha u tidhol ghal go fih. Il-fatt li meta Paul Mallia "ibbrejkja minnufih" il-vettura tieghu ma waqfitx mal-ewwel u l-impatt tal-habta kien kbir ma jfissirx li dan ma kienx fil-kontroll tal-vettura tieghu, ghax l-incident sehh fi ftit sekondi u ghandu jittiehed in konsiderazzjoni l-fattur tal-momentum tal-vettura tieghu li kienet qed tinsaq ghan-nizla, u dan apparti mill-momentum tal-vettura misjuqa minn Joseph Bonello, li mal-impatt mal-bankina l-vettura tieghu spiccat fuq in-naha l-ohra tat-triq. Kien is-sewqan hazin da parti ta' dan il-konvenut li holoq sitwazzjoni tali li l-konvenut Paul Mallia ma setax jevita habta, u ghalhekk legalment ma tistax tigi attribwita xi responsabbilita` kontributorja da parti ta' dan il-konvenut li tnaqqas mir-responsabbilita` tal-konvenut Joseph Bonello ghall-akkadut.

36. Huwa fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi li din il-Qorti ma tistax taqbel mal-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li f'dan il-kaz ma giex stabbilit ir-rapport ta' kawzali ta' bejn il-kondotta ta' Joseph Bonello u l-event dannuz, u li ma giex provat li l-incident sehh minhabba "manuvra inkonsulta inaspettata tal-konvenut". Fil-fehma ta' din il-Qorti il-provi juru mod iehor.

37. Ghaldaqstant l-aggravju tal-attur huwa fondat u qed jigi milqugh.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi tilqa' l-appell tal-attur, tirrevoka s-sentenza appellata, u, minflok, tilqa' l-ewwel talba limitatament u fis-sens li ghall-incident meritu tal-kawza odjerna jahti unikament il-konvenut Joseph Bonello li ghandu jirrispondi ghad-danni konsegwenzjali; bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra dan il-konvenut.

Tordna li l-inkartament odjern jigi rimess lill-ewwel Qorti sabiex tkompli bil-prosegwiment tal-kawza u tiddeciedi l-kumplament tat-talbiet tal-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------